MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 34/2018

It-Tnejn 19 ta' Frar 2018

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Iċ-*Chairperson* ippresjediet il-laqgħa.

### 34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

34.1.1 Iċ-Chairperson qalet li s-Sur Simon Salomone Reynaud kien skużat u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

34.1.2 Iċ-Chairperson qalet li s-Sur Frank Fenech kien skużat u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

### 34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

34.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 33/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

34.2.2 Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

34.2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

34.2.4 Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentati u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 34.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

34.3.1 Waqt il-laqgħa ġie l-Inġinier Mario Galea rappreżentant ta' GaleaCurmi Engineering Consultants Ltd li huma *contracts manager* għas-servizzi ta' *street lighting*. Iċ-*Chairperson* qalet li flimkien mas-Sindku ħassew il-ħtieġa li l-Inġ. Mario Curmi jattendi għal-laqgħa sabiex il-membri tal-Kumitat Amministrattiv ikunu jistgħu jindirizzaw lilu direttament dwar ilmenti fuq id-dwal li ilhom għal diversi xhur pendenti.
Is-Sindku staqsa lill-inġinier dwar is-sitwazzjoni tal-bozoz fi Triq Santa Marija li ilhom għal din l-aħħar sena bla dawl. L-inġinier wieġeb li dawn id-dwal huma fir-responsabilta' tal-Kunsill u li l-kuntrattur Richard Cauchi għandu jipprovdi dawn il-lampi. Hu qal li tkellem mal-kuntrattur

u qal li dawn il-lampi huma ordnati imma l-fornitur qed isib diffikulta' isib bħalhom.
Is-Sinjura Sandra Grech qalet li xi ħaġa hemm bżonn li ssir u huwa inaċċettabli li bozza ddum sena biex titranġa.
Iċ-*Chairperson* staqsiet lill-inġinier dwar possibilitajiet oħra li jista' jkun hemm. Is-Sindku staqsa jekk hux possibli li l-fanali li hemm fil-*parking area* tal-*promenade* jitwaħħlu mal-arbli preżenti fi Triq Santa Marija u jsiru fanali ġodda fil-*parking area*.
Iċ-*Chairperson* staqsiet ukoll dwar id-dwal fi Triq il-Wied li ilhom mitfijin għal diversi xhur ukoll.
L-inġinier Mario Galea ħa nota ta' dawn l-ilmenti u qal li ser jagħtihom l-attenzjoni personalment sakemm dawn l-ilmenti jiġu solvuti.
Il-Kumitat irringrazzja lill-inġinier Mario Galea talli laqa l-istedina u ġie għal din il-laqgħa u awgura li dawn l-ilmenti jiġu solvuti fi żmien qasir.

34.3.2 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat li hemm bżonn isir *patching* jew wiċċ ġdid fi Triq il-Qbajjar u fi Triq Santa Marija. Il-Kumitat iddeċieda li għal darb'oħra terġa' tintbagħat korrispondenza lill-Ministeru għal Għawdex sabiex il-Kumitat jingħata għajnuna f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qed jonfoq ħafna flus fil-*patching* ta' dawn it-toroq li wara l-maltemp qed jerġgħu jinkixfu il-ħofor u x-xogħol li jkun sar, ikun sar għalxejn għax il-*cold asphalt* jinġarr mal-ilmijiet.

34.3.3 Iċ-*Chairperson* qalet sabiex inkellmu lill-Ministeru għal Għawdex rigward ir-rampa tal-injam fil-bajja ta' Marsalforn biex naraw jekk il-Ministeru hux ser jagħmel xi ħaġa permanenti jew jekk il-Kumitat hux ser jerġa' ipoġġi din ir-rampa temporanjament.

34.3.4 Iċ-*Chairperson* ġibdet l-attenzjoni dwar l-arbli tal-i*stainless steel* li kien hemm fil-*promenade* ta' Triq il-Port. Ġiet infurmata li dawn inġabru minn xi ħaddiema tal-Gvern Ċentrali. Hi ssuġġeriet li ninfurmawhom biex jerġgħu jitwaħħlu.

34.3.5 Iċ-Chairperson infurmat lill-Kumitat li l-Kunsill irċieva korrispondenza dwar is-Sur Alex Calleja sabiex jagħmel xi siegħat ta' xogħol taħt l-iskema Youth Guarantee tal-Jobs Plus. Parti mix-xogħol tiegħu ser ikun jikkonsisti fi tqassim ta' boroż tar-riċiklaġġ minn Marsalforn għar-residenti ta' Marsalforn. Il-Kumitat qabel li dan isir fi żmien l-Għid il-Kbir sabiex Maltin li għandhom residenza f'Marsalforn ikunu disponibbli.

34.3.6 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat li wara l-laqgħa mal-Perit dwar ir-railings ta' Triq Santa Marija hemm bżonn li jintbagħat reminder lill-istess Perit ħalli forsi dan il-proġett isir qabel l-istaġun tas-Sajf.

34.3.7 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat sabiex issir pressjoni dwar il-kundizzjoni tal-parti ta' isfel tal-*parking* f'Marsalforn fejn hemm il-periklu minħabba li hemm ħafna żrar. Qalet li dan għandu jsir bit-*tarmac* jew bil-*concrete* bħall-parti ta' fuq.

## 34.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

34.4.1 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar ix-xogħol fi Triq Għar Qawqla. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara telefonata mal-kuntrattur ftit minuti qabel ġie infurmat li ser titlesta l-parti ta' ġewwa bil-wiċċ il-ġdid bit-tarmac sal-aħħar ta' din il-ġimgħa.

34.4.2 Is-Sinjura Sandra Grech għamlet suġġeriment biex isir *double yellow line* tul ta' karozza ħdejn il-ħanut tas-*souvenirs* fi Triq il-Qbajjar ħdejn *Ta' Dirjanu Supermarket* biex tittaffa l-problema tal-konġestjoni tat-traffiku. Ma kienx hemm qbil dwar dan biex ma jitnaqqasx l-ispazju tal-*parking* f'Marsalforn u ġie deċiż li ssir ħadida quddiem dan il-ħanut sabiex it-tabella titwaħħal magħha u ma titpoġġiex fit-triq.

34.4.3 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar ilma li hemm fi Triq il-Qbajjar ħdejn Lighthouse Supermarket. Hi qalet li wara li WSC għamlu xi spezzjonijiet fuq il-post qalu li aktarx dan l-ilma ġej minn xi residenza tal-privat fi Triq il-Qbajjar stess. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għandu jkellem lil WSC biex jara minn liema residenza jaħsbu li ħiereġ l-ilma.

34.4.4 Is-Sindku staqsa dwar il-kundizzjoni tar-*railings* tal-Qbajjar minn ħdejn il-latrina tal-*promenade* sal-bajja tal-Qbajjar u ssuġġerixxa sabiex jinżebgħu. Iċ-*Chairperson* wieġbet li la darba ir-*railings* huma ggalvanizzati, m'hemmx għalfejn jinżebgħu.

34.4.5 Is-Sindku informa lill-Kumitat li wara li fl-aħħar laqgħa ġie approvat sabiex jitranġa l-madum ta' madwar il-kiosk tal-promenade tal-Qbajjar, hu mar fuq il-post u ġie deċiż li jsir twittija bil-konkos minflok u b'hekk tiġi eliminata t-tarġa għolja li hemm preżenti. Kien hemm qbil mill-Kumitat dwar dan.

34.4.6 Is-Sindku għamel punt fuq dak li kien qed jintqal qabel rigward il-*patching* fi Triq il-Qbajjar u Triq Santa Marija. Huwa ssuġġerixxa sabiex inkellmu lil Ministeru biex jagħtu l-għajnuna lill-Kumitat billi jiprovdulna xkejjer tal-*cold asphalt* u x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 34.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa

34.5.1 Ilment 03/2018 – F. Tabone
Qed jilmenta li qed iżomm l-ilma man-naħa tar-residenza tiegħu fi Triq il-Qbajjar bil-konsegwenza li qed jidħol l-ilma fil-*basement*. Qed jagħmel suġġeriment biex dik il-parti tat-triq isirilha wiċċ ġdid bil-livelli kif suppost. Bħalma ntqal qabel, il-Kumitat ser jibgħat *reminder* lill-Ministeru.

34.5.2 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mir-Rettur tal-Knisja ta' Marsalforn fejn irringrazzja lill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn kif ukoll lis-Sindku u lill-Kunsill Lokali għal parteċipazzjoni u sehem fil-Festa ta' San Pawl 2017.

34.5.3 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mis-Sur John Attard mill-Malta Community Chest Fund fejn talab għal 'No Objection' għall-attivita' li ser tiġi organizzata nhar l-1 ta' April 2018 bit-titlu 'Charity Swim'. Il-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal din l-attivita'.

34.5.4 Il-*Contracts Manager* William Sultana bagħat *email* b'suġġeriment sabiex titwaħħal tabella ħdejn il-*bring in sites* bil-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart bieb bieb peress li qed ikun hemm ħafna żibel madwarhom. Kien hemm qbil mill-Kumitat li ssir it-tabella.

34.5.5 Il-Kumitat irċieva email mingħand is-Sur Emanuel J Debono fejn ġibed l-attenzjoni tas-siġra awrikarja li hemm fuq il-bankina ħdejn il-knisja li qed titgħawweġ għal fuq it-triq bil-konsegwenza li jista' jiġri xi inċident ikrah. Il-Kumitat qal li għalkemm dik kienet saret mill-Knisja, għandu jittieħed parir mill-awtoritajiet u jekk jirriżulta li hi ta' periklu, wara approvazzjoni mir-rettur tal-Knisja, titneħħa mill-Kunsill.

34.5.6 Il-Kumitat irċieva applikazzjonijiet ta' divertiment sabiex jingħata l-

permess biex isiru attivitajiet f'Marsalforn fis-Sajf. Iċ-*Chairperson* qalet li kien hemm xi laqgħa l-Ministeru dwar dan u l-Kumitat ma kienx mistieden. Hi qalet li la darba d-Dipartiment tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru ma nvolviex lill-Kumitat Amministrattiv f'din il-laqgħa, il-permessi għandhom jinħarġu mill-Kultura stess.
Is-Sindku qal li residenta qrib stabiliment partikolari qed iċċempel lilu personali biex ma jingħatax permess tal-attivitajiet minħabba li ma jżommx mal-kundizzjonijiet imposti mill-Kumitat Amministrattiv. Is-Sindku qal li dawn ir-rapporti għandhom jiġu ndirizzati mill-awtoritajiet u jaraw li l-kundizzjonijiet imposti jiġu mħarsa.
Il-Kumitat qabel li jsir kuntatt mad-Dipartiment tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex tintalab gwida ta' kif ser jinħarġu dawn il-permessi.

34.5.7 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mingħand l-Inġinier Therese Galea f'isem Arka Foundation fejn qiegħdha titlob '*no objection*' sabiex isir *car boot sale* fil-*parking* ta' Marsalforn fit-18 ta' Marzu, fil-15 t'April, fl-20 ta' Mejju u fis-17 ta' Ġunju 2018. Il-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

34.5.8 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mill-Awtorita' tal-Artijiet fejn ingħata l-permess sabiex ikun jista' jiġi nstallat il-Monument fi Triq il-Port. Il-Kumitat iddeċieda sabiex jibda l-proċess biex tinħareġ sejħa għall-offerti biex isir dan ix-xogħol.

34.5.9 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Chris Said għan-nom ta' Joseph Attard rigward il-*pedestrian crossing* ta' Triq il-Qbajjar. Huwa qed jiġbed l-attenzjoni li l-arblu tad-dawl ser jiġi eżatt quddiem il-bieb tal-ħanut tas-Sur Attard u qed jitlob lill-Kunsill jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu. Il-Kumitat iddeċieda li din il-*pedestrian crossing* titneħħa minn fejn hi u ssir fejn kienet qabel, eżatt fejn hemm il-bus stop. Dan għandu jsir wara li ssir konsultazzjoni mas-sidien tal-propjeta' fejn ser issir il-pedestrian crossing u mas-sidien tal-propjeta' fejn il-Kumitat qed jipproponi li titmexxa l-bus stop. X'ħin ma jkun hemmx oġġezzjoni mis-sidien, issir applikazzjoni bil-perit tal-Kunsill ma' Transport Malta għall-approvazzjoni.

## 34.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 34.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 12 ta' Marzu 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 12 ta' Marzu 2018.

| | |
|---|---|
| <u>Iffirmati</u> | <u>Iffirmati</u> |
| Marija Saliba | Ryan Debrincat |
| Chairperson | Segretarju Eżekuttiv |